MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 270/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giuseppe Zammit**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Giuseppe Zammit, bin il-mejjet Espedito u l-mejta Gaetana xebba Spiteri, imwieled fit-2 ta' Jannar 1940 u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 51040(M), talli f'dawn il-Gzejjer, f'San Gwann, fl-24 ta' Gunju 2005:

1. b'eghmil zieni kkorrompa lil A.B. minorenni ta' erba snin, u dan bi ksur tal-Artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodici Kriminali; u
2. bl-ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess A.B. kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex hi tigi

mgieghela taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga, li toffendi l-misthija tas-sess taghha, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(g) tal-Kap. 9;

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat registrata fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2005, cioe` fl-istess gurnata meta huwa tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat bl-imsemmija zewg reati; rat id-digriet, moghti dakinhar stess, li permezz tieghu l-akkuzat inghata l-helsien mill-arrest preventiv taht certi kundizzjonijiet;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta’ Settembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti, minkejja l-ammissjoni ta’ l-imputat, illiberat lill-imsemmi Giuseppe Zammit mit-tieni imputazzjoni (ghax irriteniet li “id-detenzjoni” hija biss element essenzjali tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni u ghalhekk ma jistax jigi kkunsidrat bhala reat separat minnu), izda ddikjaratu hati skond l-ewwel imputazzjoni – cioe` dik ta’ korruzzjoni aggravata ta’ minorenni – u kkundannatu ghall-piena ta’ tliet snin prigunerija, bit-tnaqqis taz-zmien tal-arrest preventiv[1];

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Giuseppe Zammit, minnu pprezentat fit-3 ta’ Ottubru 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru 2008; ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li din il-Qorti ghandha quddiemha <u>biss</u> appell tal-hati, liema appell hu limitat ghall-piena. Il-prosekuzzjoni ma appellatx minn dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti li lliberat lil Zammit mit-tieni imputazzjoni; anqas ma appellat il-prosekuzzjoni mill-piena. Dan ifisser li dak li tista’ u ghandha tikkunsidra din il-Qorti huwa biss jekk il-piena erogata mill-ewwel qorti ghandhiex titnaqqas jew b’xi mod tinbidel f’wahda mhux b’effett immedjat (i.e.

---

[1] Kif inghad, mill-atti jirrizulta li l-imputat inghata l-helsien mill-arrest preventiv taht diversi kundizzjonijiet fit-28 ta’ Gunju 2005.

sentenza sospiza), jew tinbidel f'sentenza mhux ta' prigunerija (ez. ordni ta' *probation*). L-appellant jilmenta li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, u cioe` li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda cirkustanzi specjali u straordinarji li jintitolawha tinzel taht il-minimu applikabbli ghall-kaz[2], dawn ic-cirkostanzi kienu jezistu. Huwa jsemmi is-segwenti: (1) li dan kien att izolat ta' darba, (2) li l-inkarcerazzjoni mhix indikata ghax hu jbati minn klawstrofobija, (3) li m'ghandux precedenti penali; (4) li "hemm il-perikolu elevat li jista' jkun it-*target* ta' prigunieri ohra peress illi kien pulizija" u qed jigi kkundannat ghal *child abuse*, u (5) li jsofri minn diversi mard. Jilmenta wkoll li l-ewwel qorti ma haditx in konsiderazzjoni r-rapport kongunt maghmul minn Dr Dorothy Scicluna (psikologa) u Dr Joseph Cassar (psikjatra), fejn dawn irrakkomandaw li l-hati jinghata trattament ghal "behaviour modification", b'Dr Cassar izid fid-deposizzjoni tieghu referenza ghal riabilitazzjoni fis-socjeta` "u taht *probation*" (ara fol. 16).

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha, ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti. Jibda biex jinghad li hawn qed nitkellmu dwar kaz serju hafna, ghalkemm konsistenti f'incident wiehed, ossia okkazjoni wahda, ta' korruzzjoni. L-appellant kien gie mqabbad mill-genituri tat-tifla A.B. – li kellha biss erba' snin – biex jiehu hsiebha fid-dar ta' l-istess genituri sakemm huma jmorru attivita' organizzata mill-iskola ta' wiehed mit-tfal l-ohra taghhom. L-appellant jigi z-ziju ta' missier it-tifla. Waqt li l-appellant kien wahdu mat-tifla fil-kamra tas-sodda taghha huwa espona l-parti genitali tieghu u pogga idejn it-tifla fuq il-parti privata tieghu. Jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni tat-tifla – ghalkemm dan huwa jichdu – li egakula fuq idejn it-tifla. L-effett trawmatiku li dan l-incident halla fuq din it-tifla jirrizulta car mid-deposizzjoni ta' missierha (ara fol. 74 *et seq.* tal-atti) kif ukoll mir-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Trevor Calafato (ara fol. 86 sa 100 tal-atti). Hawnhekk, ghalhekk, ghandna mhux biss korruzzjoni ta' minorenni

[2] F'dan il-kaz, trattandosi ta' korruzzjoni aggravata bl-eta` tal-vittma u bil-fatt li l-hati kien gie fdat li jiehu hsieb l-istess minuri, il-piena skond il-ligi kienet minn minimu ta' tliet snin prigunerija sa massimu ta' sitt snin.

aggravata bl-eta` -- ghax il-vittma kienet ghadha ma ghalqitx it-tnax-il sena -- izda, u dan fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa aktar gravi, aggravat ukoll bil-fatt li l-appellant kien gie inkarigat, anke jekk temporanjament, bil-kura tal-istess minuri. Fi kliem iehor kien hemm dak li jissejjah *breach of trust*. Fil-kaz ta’ korruzzjoni semplici, il-legislatur ma jistabilixxi ebda minimu ghall-prigunerija, izda biss massimu ta’ tliet snin prigunerija (bir-rekluzjoni jew minghajrha). Fil-kaz ta’ korruzzjoni aggravata bhalma kien dan il-kaz, il-legislatur jistabilixxi minimu ta’ tliet snin prigunerija u massimu ta’ sitta (ukoll bir-rekluzjoni jew minghajrha). L-ewwel qorti deherilha li, ghad-diversi ragunijiet imsemmija fis-sentenza appellata, kellha tapplika l-piena fil-minimu taghha. Kif inghad, ma sar ebda appell mill-prosekuzzjoni, u ghalhekk din il-Qorti mhux imsejha biex tghid jekk il-piena kellhiex tkun aktar minn tliet snin.

Mill-banda l-ohra, pero`, din il-Qorti certament ma taqbilx ma’ l-appellant li hemm xi “ragunijiet specjali u straordinarji” fis-sens ta’ l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 li jimmilitaw favur l-inzul taht il-minimu. Ic-cirkostanzi msemmija aktar ‘l fuq, u enumerati minn (1) sa (5), la huma xi cirkostanzi specjali u wisq anqas straordinarji. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan il-kaz jimmerita piena ta’ prigunerija b’effett immedjat, u ghalhekk kienet korretta l-ewwel qorti meta din ma segwietx ir-rakkomandazzjoni tal-psikologa u tal-psikjatra li jkun hemm xi forma ta’ “trattament fil-komunita`”, li allura jkun donnu jirrikjedi *a non-custodial sentence*. Ghall-korrettezza tajjeb li wiehed jippreciza li l-kelma *“probation”* semmiha l-psikjatra fid-deposizzjoni tieghu – ma tissemmiex fir-rapport kongunt – u dan fil-kuntest li terapija ghal “behaviour modification” aktar taghmel sens u jista’ jkollha rizultat pozittiv mhux f’kuntest karcerarju. In fatti, appena huwa lissen il-kelma *“probation”* kien pront izid, b’referenza ghal dik li ghandha tkun il-piena, “…pero` dik ovvjament f’idejn il-Qorti”.

Tajjeb li wiehed izid li fil-*pre-sentencing inquiry report* kummissjonat mill-ewwel qorti, l-Ufficjal tal-*Probation* Trevor Calafato, wara li ha in konsiderazzjoni anke r-rapport kongunt imsemmi, filwaqt li rrakkomanda

sentenza ta' prigunerija, irrakkomanda wkoll li matul il-periodu ta' inkarcerazzjoni l-hati jinghata l-kura mehtiega biex jibda jindirizza l-problemi psikologici tieghu. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod taghmel rakkomandazzjonijiet specifici f'dan is-sens lid-Direttur tal-Habs fis-sentenza taghha, ghax hija konvinta li jekk tali kura tista' tinghata, u jekk il-hati lest li jikkopera, dik il-kura tinghata.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------